MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2018

Rikors Maħluf Numru 1193/2014LM

**Francis Agius (ID 684155 M)**

***vs.***

**Carl Camilleri (ID 147992M) u Flower Sales Limited (C8914)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-31 ta' Diċembru, 2014, mill-attur **Francis Agius** (ID 684155M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-attur kien involut f'inċident awtomobilistiku li seħħ nhar il-21 ta' Diċembru, 2012 f'San Pawl il-Baħar, fejn il-vettura tal-għamla Fiat Doblo Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni JBH 314, proprjetà ta' Flower Sales Limited u dakinhar misjuqa minn Carl Camilleri, baqgħet dieħla ġol-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni JBQ 878 bir-riżultat illi dan ikkaġuna ġrieħi gravi fuq il-persuna tal-attur;*

2. *Illi, hekk kif ser jirriżulta fil-kors tal-kawża, l-imsemmi inċident awtomobilistiku seħħ unikament minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Carl Camilleri;*

3. *Illi, bħala sid il-vettura Flower Sales Limited konxjament jew b'negliġenza ippermetta illi l-vettura proprjetà tagħha tinstaq minn Carl Camilleri;*

4. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident stradali, l-attur ġarrab debilità ta' natura permanenti. Tali debilità ġiet gradata bħala 36% kif iċċertifika l-konsulent mediku Dr. Thomas Azzopardi;*

5. *Illi għalkemm il-konvenuti ġew imsejħa b'ittra uffiċjali datata 19 ta' Settembru, 2014, sabiex dawn jersqu għall-assunzjoni ta' ħtija u eventwali likwidazzjoni u ħlas ta' danni, l-istess konvenuti baqgħu passivi u inadempjenti.*

*Dikjarazzjoni tal-Fatti:*

1. *Illi l-attur kien involut f'inċident awtomobilistiku li seħħ nhar il-21 ta' Diċembru, 2012 f'San Pawl il-Baħar fejn il-vettura tal-għamla Fiat Doblo Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni JBH 314, proprjetà ta' Flower Sales Limited u dakinhar misjuqa minn Carl Camilleri, baqgħet dieħla ġol-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni JBQ 878 bir-riżultat illi dan ikkaġuna ġrieħi gravi fuq il-persuna tal-attur;*

2. *Illi, hekk kif ser jirriżulta fil-kors tal-kawża, l-imsemmi inċident awtomobilistiku seħħ unikament minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Carl Camilleri;*

3. *Illi bħala sid il-vettura Flower Sales Limited konxjament jew b'negliġenza ippermetta illi l-vettura proprjetà tagħha tinstaq minn Carl Camilleri;*

4. *Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident stradali, l-attur ġarrab debilità ta' natura permanenti. Tali debilità ġiet gradata bħala 36% kif iċċertifika l-konsulent mediku Dr Thomas Azzopardi;*

5. *Illi għalkemm il-konvenuti ġew imsejħa b'ittra uffiċjali datata 19 ta' Settembru, 2014 sabiex dawn jersqu għall-assunzjoni ta' ħtija u eventwali likwidazzjoni u ħlas ta' danni, l-istess konvenuti baqgħu passivi u inadempjenti.*

*Talbiet:*

*Għaldaqstant l-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna u mogħtija d-direttivi u/jew l-ordnijiet kollha meħtieġa, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi d-deskritt inċident awtomobilistiku li seħħ nhar il-21 ta' Diċembru, 2012 f'San Pawl il-Baħar seħħ unikament minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;*
2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur anke permezz tal-ħatra ta' periti nominandi;*
3. *Tordna u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu s-somma hekk likwidata lill-attur ai fini tat-tieni talba attriċi;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 19 ta' Settembru, 2014 kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Carl Camilleri** (ID 147992M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Jannar, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi, in kwantu huma diretti kontra l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż stante illi l-inċident awtomobilistiku ma ġarax b'tortijiet tal-esponenti iżda b'tort tas-sewwieq tax-char-a-banc li rasset il-vettura tal-esponenti fil-mument li huwa kien qiegħed jissorpassa l-vettura stazzjonarja li warajha kien qiegħed ir-rikorrenti;*

2. *Illi bla preġudizzju għall-premess, kif sejjer jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, l-esponenti kien qed isuq il-vettura li kien fiha mhux biss bil-konsapevolezza tad-direttur ewlieni tas-soċjetà intimata Flower Sales Limited, anzi fuq istruzzjonijiet tiegħu stess u għalhekk fl-eventwalità li l-esponenti jinsab ħati għall-inċident, il-persuna li għandha tħallas għall-istess danni, hija s-soċjetà intimata jew l-assigurazzjoni tagħha, u ċioè Citadel Insurance plc, li ġia ġiet mgħarrfa b'dawn il-proċeduri.*

3. *Salvi kontestazzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Flower Sales Limited** (C8914) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Frar, 2015, u maħlufa minn Joseph Xerri (ID 567365M), li biha eċċepiet:

1. *Illi in linea preliminari s-soċjetà esponenti mhix il-leġittimu kontradittur peress illi m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi t-talbiet kif imposti ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tas-soċjetà esponenti stante illi qatt ma tista' tiġi attribwita r-responsabbilità tal-inċident in toto jew in parte lis-soċjetà esponenti a bażi ta' negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku peress illi l-vettura JBH 314 kienet qiegħda tiġi misjuqa minn Carl Camilleri li wkoll ma għandu ebda relazzjoni mas-soċjetà esponenti;*

3. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju l-vettura JBH 314 proprjetà tas-soċjetà esponenti involuta fl-inċident tal-21 ta' Diċembru, 2014 f'San Pawl il-Baħar kienet koperta b'polza t'assigurazzjoni ma' Citadel Insurance plc li ġia ġiet mgħarrfa b'dawn il-proċeduri u kontestwalment qiegħda tiġi ppreżentata ittra uffiċjali ai termini tal-Kap. 104. Illi mhux minnu li meta ġiet interpellata s-soċjetà esponenti baqgħet passiva. Dan jirriżulta mill-ittra uffiċjali numru 3106/2014 fejn is-soċjetà esponenti infurmat lill-attur illi l-vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni ma' Citadel Insurance plc u kwalunkwe pretensjoni kellha tiġi indirizzata lilhom.*

4. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju s-soċjetà esponenti qatt ma awtorizzat jew tat il-kunsens tagħha lil Carl Camilleri sabiex isuq il-vettura JBH 314.*

   *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi fil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni wara li kien involut f'inċident awtomobilistiku fejn safa milqut minn vettura proprjetà tas-soċjetà konvenuta u li kienet misjuqa mill-konvenut. L-attur isostni li sofra danni materjali kif ukoll danni rappreżentanti telf ta' qligħ minħabba fid-debilità permanenti li hu ġarrab kawża tal-inċident. Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut Carl Camilleri huwa responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, filwaqt li s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-fatt li ppermettiet lill-konvenut, li dak iż-żmien kien impjegat tas-soċjetà konvenuta, isuq vettura minn tagħha meta ma kienx awtorizzat biex jagħmel dan.

## Provi u riżultanzi

L-attur ippreżenta kopja tar-rapport mediku imħejji mill-konsulent ortopediku **Mr Thomas Azzopardi**[1], li eżamina lill-attur fl-24 ta' Jannar, 2014. Fir-rapport tiegħu Mr Azzopardi ddeskriva l-inċident skont l-informazzjoni mogħtija lilu mill-attur. L-inċident inkwistjoni seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2012, waqt li l-attur kien qiegħed jassisti ħabib tiegħu li waqfitlu l-vettura li kien qiegħed isuq fil-*by-pass* ta' San Pawl il-Baħar. L-inċident seħħ waqt li l-attur kien qiegħed baxxut maġenb il-vettura BMW bil-marka ta' reġistrazzjoni JBQ 878 misjuqa minn Joseph Sammut, meta kemm l-attur kif ukoll Joseph Sammut sfaw imtajra mill-vettura li kienet misjuqa mill-konvenut waqt li din ippruvat taqla' karozza tal-linja li kienet qiegħda tinstaq fuq il-karreġġjata ta' ġewwa tat-triq. Mad-daqqa l-attur spiċċa f'gandott fit-triq, fejn instab mitluf minn sensih. Ftit tal-ħin wara hu ttieħed l-isptar, fejn instab li kien qiegħed isofri minn diversi ġrieħi f'saqajh it-tnejn. Fil-ġranet ta' wara l-inċident, l-attur kellu jsirlu intervent kirurġiku. Fil-mument li fih sar l-eżami mediku tal-attur, dan kien għadu qiegħed isofri minn sensazzjoni ta' ħruq f'diversi partijiet ta' riġlejh, kif ukoll kien qiegħed jilmenta li l-mobilità tiegħu kienet limitata u kien għadu qiegħed jimxi bl-għajnuna ta' żewġ bsaten tal-mixi. L-attur ilmenta li s-sintomi tiegħu huma agħar matul il-lejl, u li sikwit ikollu disturbi fl-irqad. Huwa lmenta wkoll minn nuqqas ta' aptit, kif ukoll mill-ħtieġa li jqatta' ħafna aktar ħin fid-dar, minħabba li l-mobilità tiegħu sfat limitata. Il-konsulent mediku rrelata li meta hu eżamina lill-attur, dan kien għadu ma rritornax għax-xogħol wara l-inċident, l-aktar minħabba li kien għadu la jista' jimxi mingħajr għajnuna, u lanqas ma kien jista' jsuq. Madanakollu l-attur esprima x-xewqa li jirritorna lura fuq il-post tax-xogħol

[1] *A fol.* 7 tal-proċess. Mr. Azzopardi huwa *consultant trauma & orthopaedic surgeon.*

tiegħu, jekk is-sitwazzjoni tiegħu tmur għall-aħjar. Fiż-żmien tal-eżami mill-konsulent mediku, l-attur kien għadu ma jistax jinżel taraġ mingħajr diffikultà, u kien għadu dipendenti fuq l-għajnuna ta' qraba u ħbieb speċjalment biex joħroġ u jagħmel il-qadi tiegħu. Il-ħajja soċjali tal-attur ukoll inbidlet, u ma baqax jista' jipparteċipa f'attivitajiet soċjali ta' divertiment fil-ħin liberu tiegħu. Mr Azzopardi jikkonstata illi wara l-inċident l-attur kellu bżonn kalmanti, pilloli għall-irqad u pilloli kontra d-dipressjoni. Waqt l-eżami mediku li sar minn Mr Azzopardi, irriżulta li l-attur kien għadu jsofri minn uġigħ, u li dan ma setax jimxi mingħajr l-użu tal-bsaten tal-mixi u minn dak li seta' jikkonstata l-espert mediku, kien jidher ċar li l-attur sofra minn trawmi multipli, li kienu jinkludu feriment f'rasu, kif ukoll ksur f'riġlejh it-tnejn. Fi kliem Mr Azzopardi:

> *'He underwent operative treatment and a protracted rehabilitation and he complained of residual symptoms with severe burning pain and hyperaesthesia in the right foot and leg, most probably due to nerve damage at the time of injury, resulting in a chronic regional pain syndrome. He also had mild bilateral knee instability with lateral collateral ligament laxity, and altered sensation in the right foot and leg. There was permanent scarring in both lower limbs from the operative scars, a right forehead scar and a missing lower tooth.'*

L-espert mediku kkonstata li kawża tal-inċident, l-attur sofra wġigħ fiżiku u disturbi emozzjonali, u li minkejja sessjonijiet ta' riabilitazzjoni anki permezz tal-fiżjoterapija, hu kien għadu qiegħed isofri minn tnaqqis fil-mobilità kif ukoll minn diffikultajiet li rrendewh inkapaċi li jirritorna għax-xogħol tiegħu. In vista ta' dan kollu, Mr Thomas Azzopardi kkonkluda li l-attur kien qiegħed isofri minn debilità permanenti ta' 36%.

L-attur esebixxa wkoll kopja tar-rapport tal-Pulizija[2], li marru fuq il-post tal-inċident. Dan ir-rapport jinkludi wkoll stqarrija li l-Pulizija ħadu mingħand il-konvenut.

L-attur għażel li jixhed bil-proċedura tal-*affidavit*[3], fejn qal li fil-21 ta' Diċembru, 2012 huwa kien iltaqa' ma' ċertu Joseph Sammut, ħabib tiegħu, li talbu jmur miegħu sa Għajn Tuffieħa. Il-ħin kien għall-ħabta tad-09:00 ta' filgħodu, u waqt li kienu għaddejjin mill-*by-pass* tax-Xemxija, huma semgħu ħoss fil-vettura ta' Sammut. Dak il-ħin Sammut waqqaf mal-ġenb tat-triq, xegħel il-*hazard lights,* u kemm l-attur kif ukoll Sammut niżlu mill-vettura biex jaraw x'kien ġara. Fi kliem l-attur, Sammut imtedd taħt il-vettura, filwaqt li l-attur tbaxxa b'ġenbejh quddiem il-karozza biex jagħti daqqa t'għajn ukoll u biex ikun jista' jassisti lil Sammut f'każ li dan ikollu bżonn xi ħaġa. Madanakollu kulma jiftakar hu li ħass daqqa kbira f'ġenbu u sussegwentement intilef minn sensih, u meta ġie f'tiegħu kien l-Isptar Mater Dei, b'saqajh tal-lemin fil-ġibs. Ix-xhud qal li hekk kif invistah il-professur Thomas Azzopardi, dan qallu li kien hemm il-ħtieġa li jsirlu intervent kirurġiku immedjatament. L-attur qal li minn wara l-inċident u l-intervent li sarlu ħajtu nbidlet kompletament, u qiegħed ibati minn nuqqas kbir ta' mobilità. Hu qal li huwa kien jaħdem bħala *watchman* fis-Simar, ix-Xemxija, u li dak ix-xogħol illum iqis li hu xogħol ta' tbatija kbira minħabba li ma jistax iqatta' ħin twil bilqiegħda. L-attur qal li minn wara l-inċident għamel madwar sena ma jmurx ix-xogħol minħabba fl-istat li kien fih, u li bejn il-21 ta' Diċembru, 2012 sat-13 t'Awwissu, 2013 huwa kien ħa s-*sick leave* u l-*leave* kollu li kellu, filwaqt li wara l-14 t'Awwissu, 2013 sal-25 ta' Settembru, 2013 kien bil-*leave* b'nofs paga, u mis-26 ta' Settembru, 2013 sal-31 ta' Diċembru, 2013 kien jieħu s-*sick*

[2] *A fol.* 13 tal-proċess.
[3] *A fol.* 27 tal-proċess.

*leave* mingħajr ma jitħallas. L-attur qal li hu għandu tifel minuri jiddependi fuqu biss minħabba li omm ibnu hija mejta, filwaqt li ddeskriva l-mod kif il-ħajja soċjali tiegħu nbidlet minħabba n-nuqqas ta' mobilità. L-attur qal li saħħtu ddeterjorat minħabba d-diversi restrizzjonijiet li għandu u minħabba l-mod kif safa dipendenti fuq ħaddieħor għal kull ħaġa li jagħmel. Hu qal li jiddependi fuq ħuh Joseph biex iwasslu kullimkien, u li anki sempliċiment faċenda fid-dar, għandu bżonn l-għajnuna biex jista' jagħmilha. Hu qal li minkejja l-interventi li sarulu, saħħtu ma marritx 'il quddiem, u li għad iridu jsirulu interventi oħrajn fuq saqajh.

Ħu l-attur, **Joseph Agius,** ukoll xehed bil-mezz tal-*affidavit*[4], u dan qal li lil ħuh dejjem jafu bħala bniedem indipendenti u li qatt ma kellu bżonn lil ħadd, inkluż fit-trobbija tat-tifel minuri tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li minn wara l-inċident ħuh għandu bżonn l-għajnuna ta' diversi persuni, kemm fid-dar kif ukoll biex iwassluh minn post għal ieħor. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li qabel l-inċident ħuh kien bniedem ferrieħi, wara l-inċident dan sar ibati minn dipressjoni, u dejjem jilmenta mill-uġigħ.

Fl-udjenza tat-30 ta' April, 2015 xehdet il-**WPS 100 Lorraine Grech**[5], li kkonfermat li l-inċident inkwistjoni seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2012. Filwaqt li pulizija mill-għassa tal-Mosta kienu sejrin lejn il-Mellieħa, fit-triq iltaqgħu mal-inċident mertu tal-kawża, iżda minħabba li dan ma kienx jaqa' taħt ir-responsabbilità tagħhom, huma stennew sakemm wasal is-Surġent tal-post u mbagħad huma telqu minn fuq il-post. Madanakollu x-xhud setgħet tikkonferma li fuq il-post tal-inċident kien hemm żewġ karozzi maħbutin u żewġ persuni f'gandott mat-triq.

[4] *A fol.* 30 tal-proċess.
[5] *A fol.* 42 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **PS 935 Patrick Cassar**[6], li qal li dakinhar hu kien xogħol fl-għassa tal-Qawra, meta ġie infurmat bl-inċident li seħħ fil-*by-pass* ta' San Pawl. Huwa qal li meta waslu fuq il-post, sabu li kienet laħqet waslet l-ambulanza minħabba li kien hemm xi nies feruti, u li l-ewwel verżjoni ta' kif seħħ l-inċident ingħatat mill-konvenut Carl Camilleri. Il-konvenut kien qallu li ma kienx jaf jekk il-BMW li kien fiha l-attur kinitx wieqfa, jew inkella kinitx miexja bil-mod, u li hu kien qiegħed isuq fil-karreġġata ta' ġewwa, u meta ġie biex jaqla' l-BMW, ġiet *bendy-bus* mill-karreġġata ta' barra, bir-riżultat li hu baqa' dieħel fil-BMW. Il-konvenut kien qal lill-Pulizija li mal-ħabta hu ħareġ mill-vettura tiegħu u ra raġel mindud mal-art f'gandott. Ix-xhud qal li hu tkellem ukoll mal-attur Francis Agius, kif ukoll mas-sewwieq tal-vettura li kien ma' Agius, ċertu Joseph Sammut, li qalulu li huma kienu niżlu mill-vettura tagħhom minħabba li semgħu ħoss, tefgħu mal-ġenb biex jaraw x'kellha, iżda ma ftakru xejn iżjed minħabba li fil-mumenti ta' wara seħħ l-impatt. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-iskizz li għamel hu tal-mod kif seħħ l-inċident, kif ukoll sett ritratti tax-xena tal-inċident.[7] Mistoqsi x'kien eżatt li ra b'għajnejh meta ħareġ mill-vettura, ix-xhud qal:

> "Li niftakar mill-memorja li kif wasalt, rajt karozza quddiem ħamra BMW u vann ħiereġ daqsxejn 'il barra u bejniethom kien hemm din l-għadira tad-demm li tiġi eżatt għal mal-gandott u daqsxejn geġwiġija ta' nies li kienu qed jieqfu biex jaraw x'ġara."

Fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2015 xehed **Mr Thomas Azzopardi,** li kkonferma li l-attur huwa pazjent tiegħu. Ix-xhud qal li l-attur kien involut f'inċident tat-traffiku li seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2012, u li meta ddaħħal l-Isptar dan kien

[6] A fol. 45 tal-proċess.
[7] *A fol.* 50 *et seq.* tal-proċess.

qiegħed isofri minn diversi ġrieħi serji tant li kellu jiġi operat. L-attur baqa' jirċievi kura b'mod regolari minħabba l-kumplikazzjonijiet li nqalgħulu. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attur għadu pazjent tiegħu u li għadu jbati minn diżabilità ta' natura permanenti li qiegħda taffettwalu ħajtu. Ix-xhud ikkonkluda:

> "Is-sinjur kellu ż-żewġ saqajn miksurin, fuq in-naħa tal-lemin kellu ksur kemm fil-*femur* u anke fil-qasba tas-sieq, *floating knee* u fuq in-naħa tax-xellug kellu ksur *tibia plateau* li hija l-irkoppa tal-għadma tal-qasba. Dawn huma *injuries* sinifikanti u rċieva kura għalihom b'interventi kirurġiċi fejn għamilnielu *fixation* tal-ksur. Sfortunatament żviluppa kumplikazzjonijiet fejn saret ħsara lin-nervituri u din hija l-akbar fattur u s'issa ma reħietx u ma turix sinjali li ħa timpruvja u li għandha tikkaġunalu diżabbilità sinifikanti għad din tagħtih uġigħ nuropatiku li taffettwalu l-kwalità tal-ħajja. Dan għadu b'diżabilità sinifikanti u l-effetti huma sinifikanti."

L-attur ippreżenta wkoll l-*affidavit* ta' ibnu **Leemark Agius**[8], li kkonferma li missieru kien ilu jieħu ħsiebu waħdu u mingħajr l-għajnuna ta' ħadd minn mindu hu kellu sena u għaxar xhur, meta mietet ommu. Ix-xhud qal li qabel l-inċident missieru kien jagħmel ix-xogħol kollu tad-dar, imur jaħdem, jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dar kif ukoll kien jieħu ħsiebu u kien jaqdi l-bżonnijiet kollha tiegħu. Wara l-inċident missieru spiċċa dipendenti fuq l-għajnuna ta' diversi persuni, kif ukoll ikun hemm ġranet meta jkun muġugħ ħafna. Ix-xhud qal li qabel l-inċident missieru kien indipendenti ħafna, tant li lilu rabbieh waħdu, iżda minn wara l-inċident dan dejjem ikun muġugħ u jiddependi ħafna fuq ħutu u xi ħbieb li għad għandu, prattikament għal kollox.

Fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2016 xehed **Ivan Cilia**[9], prinċipal fl-uffiċċju legali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li ppreżenta tliet dokumenti li juru l-pagamenti

[8] *A fol.* 78 tal-proċess.
[9] *A fol.* 83 tal-proċess.

kollha li saru mid-Dipartiment lill-attur mis-sena 2011 ’il quddiem.[10] Ix-xhud qal li għall-perijodu bejn is-26 ta’ Settembru, 2013 u l-31 ta’ Diċembru, 2013 l-attur kien ingħata *sickness benefits* fl-ammont ta’ disa’ mija u sebgħa u disgħin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€997.92), kif ukoll għajnuna soċjali fl-ammont ta’ tliet mija u tletin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€330.22) minħabba li kien ġie meqjus li s-*sickness benefits* mogħtija lilu ma kinux biżżejjed.

Fl-udjenza tad-9 ta’ Marzu, 2016 xehed **Joseph Sammut**[11], li qal li dakinhar tal-inċident, hu u l-attur kienu fi triqithom għand *sprayer* tal-karozzi meta f’ħin minnhom indunaw li kellhom ħsara fil-karozza u waqfu ma’ ħajt biex jaraw x’ġara. Kienet inqalgħet biċċa plastik u niżlu jorbtuha, u l-impatt inkwistjoni seħħ waqt li t-tnejn li huma kienu baxxuti mal-karozza. Dak il-ħin Sammut u l-attur kienu fil-*by-pass* ta’ San Pawl il-Baħar. Ix-xhud qal li lanqas id-daqqa ma jiftakar, għalkemm x’ħin ġie f’sensih kien mal-art bl-ambulanzi diġà fil-post. Ix-xhud qal li waqt li hu u l-attur kienu rikoverati l-Isptar, kienu jmorru jarawhom kemm il-konvenut kif ukoll is-sid tal-vettura misjuqa mill-konvenut, u li hu kien għamel arranġament mas-sid tal-vettura misjuqa mill-konvenut sabiex iħallsu kumpens għall-akkadut. Mistoqsi in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li l-plastik li nqalgħet minn mal-vettura misjuqa minnu kienet il-plastik ta’ taħt il-magna, u li hu induna li kienet inqalgħet minħabba li din bdiet tkaxkar mal-art. Hu qal li fil-mument tal-inċident huwa kien qiegħed baxxut quddiem il-karozza jipprova jikklippja din il-plastik. L-attur kien qiegħed ħdejh.

---

[10] *A fol.* 85 sa 87 tal-proċess.
[11] *A fol.* 92 tal-proċess.

L-attur esebixxa wkoll għadd ta' ċertifikati mediċi, kif ukoll irċevuti marbuta ma' visti fi kliniċi privati li kien għamel wara l-inċident.[12]

Fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2016 xehdet **Dr Nadine Attard**[13] in rappreżentanza ta' Citadel Insurance, li magħha kienet assigurata l-vettura misjuqa mill-konvenut.[14] Ix-xhud qalet li l-vettura inkwistjoni hija rreġistrata fuq Joseph Scerri f'isem is-soċjetà Flower Sales Limited, u li din il-vettura setgħet tiġi misjuqa minn Lisa Scerri u minn kull sewwieq ieħor li għandu aktar minn ħamsa u għoxrin (25) sena. Kopja taċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni ġie esebit mix-xhud.[15]

Fl-udjenza tas-6 ta' Mejju, 2016 xehdet **Dr Josianne Cutajar**[16], li kkonfermat li hija t-tabiba kuranti tal-attur, u li wara l-inċident l-attur kien beda jbati mid-dipressjoni, li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tiggrava. Hi qalet li minkejja li fil-bidu li bdiet tara lill-attur hu kien jidher li qiegħed jissielet biex joħroġ mid-dipressjoni li kien fiha, dan l-aħħar kien qisu qata' qalbu minħabba li qiegħed iħossu limitat ħafna fiżikament.

Xehed ukoll **Dr Patrick Frendo**[17] fl-istess udjenza, li qal li hu għamel żmien jara lill-attur fil-perijodu ta' wara l-inċident, għalkemm dan l-aħħar l-attur ma kienx għadu jmur għandu. Ix-xhud ġie muri ċ-ċertifikat esebit *a fol.* 101 u kkonferma li dan kien inħareġ minnu wara li l-attur ippreżenta ruħu b'sintomi ta' biżgħa kbira wara li dam ħafna l-Isptar, kellu rogħda, dipressjoni, biżgħa bid-daqqiet u diversi ksur f'partijiet ta' ġismu. Ix-xhud qal li maż-żmien il-kundizzjoni tal-attur tjiebet u kien anki beda jimxi.

[12] *A fol.* 100 sa 108 tal-proċess.
[13] *A fol.* 109 tal-proċess.
[14] Xhieda a fol. 109 *et seq* tal-proċess.
[15] *A fol.* 112 u 113 tal-proċess.
[16] *A fol.* 137 tal-proċess.
[17] *A fol.* 141 tal-proċess.

Fl-istess udjenza tas-6 ta' Mejju, 2016 xehed **Dennis Buttigieg**[18], rappreżentant tal-*Environment Protection Department*, fejn qal li l-attur kien impjegat fil-grad ta' *general hand,* u li dan kien jaqdi dmirijietu f'waħda mir-riservi naturali. Ix-xhud ippreżenta kopji tas-salarji li kien jipperċepixxi l-attur għas-snin 2011 sa 2016.[19] F'udjenza sussegwenti li nżammet nhar is-27 ta' Ġunju, 2016, l-istess xhud ippreżenta prospett ta' kif tinħadem il-paga tal-attur.

B'digriet tad-9 ta' Marzu, 2016, il-Qorti ħatret bħala espert mediku lill-konsulent ortopediku **Mr Carmel Sciberras**, sabiex jeżamina lill-attur u jirrelata dwar in-natura tad-debilità sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża. Ir-rapport tal-espert mediku ġie esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri.[20] L-espert mediku kkonstata, minn dak li qallu l-attur, li l-inċident inkwistjoni seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2012, waqt li l-attur kien qiegħed kokka maġenb il-vettura ta' Joseph Sammut, waqt li kienu weqfin mal-ġenb tal-*by-pass* ta' San Pawl il-Baħar. F'ħin minnhom karozza oħra baqgħet dieħla fil-karozza tagħhom, u l-attur safa mtajjar distanza ta' madwar tliet (3) metri. L-attur intilef minn sensih, u ġie f'tiegħu meta ttieħed l-Isptar Mater Dei. Mir-ritratti murija lill-espert mediku, dan seta' jikkonstata illi l-attur kellu ksur fil-koxxa l-leminija, fl-għadma tas-sieq il-leminija, ksur fil-parti ta' fuq tat-*tibia* tax-xellug u li waqt l-interventi kirurġiċi li sarulu, dawn issewwew permezz ta' pjanċi u viti. L-attur dam ħafna l-Isptar sakemm seta' jimmaniġġja, l-ewwel b'siġġu tar-roti u wara bil-krozzi. L-espert mediku kkonstata wkoll illi minkejja li l-attur reġa' rritorna x-xogħol, hu xorta waħda ma jistax jimxi fit-tul, u spiss ikollu juża par krozzi minħabba l-għejja, u li dan la jista' joqgħod bilwieqfa u lanqas bilqiegħda għal tul ta' ħin. Il-lejl hu diffiċli ħafna għall-attur minħabba l-uġigħ li jħoss, u waqt l-

[18] *A fol.* 155 tal-proċess.
[19] A fol. 148 sa 153 tal-proċess
[20] A fol. 234 *et seq* tal-proċess

vista li kellu mal-espert mediku maħtur mill-Qorti, dan qallu li kien bidel il-post fejn joqgħod għal wieħed b'inqas taraġ, u kellu jagħmel xi modifiki fosthom fil-kamra tal-banju biex ikun jista' jinħasel waħdu. L-attur qallu wkoll li għandu bżonn l-għajnuna fix-xogħol tad-dar, u li meta jkun riħ qawwi jibża' li ser jinqaleb u għalhekk ma joħroġx mid-dar.

Mr Sciberras kkonstata illi kawża tal-inċident l-attur ġarrab ġrieħi ta' natura gravi, għalkemm il-ksur li sofra jidher li għaqad tajjeb. Il-metall li ddaħħal f'saqajh għadu ma tneħħilux, u dan jista' jikkawża problemi fil-futur. L-espert ikkonstata wkoll illi l-ksur tar-riġel ix-xellugi affettwa l-ġog tal-irkoppa u għalhekk aktarx li l-attur jiżviluppa l-artrite qabel il-waqt, u x'aktarx li jkollu bżonn ta' *total knee replacement.* Kollox ma' kollox, l-espert mediku kkonferma li d-debilità permanenti sofferta mill-attur hi fil-grad ta' 25%.

L-eskussjoni ta' Mr Carmel Sciberras saret fl-udjenza tat-3 ta' Frar, 2017, u filwaqt li kkonferma li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur jista' jiżdied maż-żmien, madanakollu qal li f'ċertu punt hemm limitu li jintlaħaq u li din ma tiżdiedx aktar. Hu wera l-fehma li meta invista lill-attur, dan il-limitu kien intlaħaq u s-sitwazzjoni ta' saħħet l-attur ma kinitx ser tiddeġenera aktar. Ix-xhud spjega r-raġunijiet li minħabba fihom x'aktarx li l-attur ikollu bżonn aktar interventi fil-futur, partikolarment *total knee replacement,* u spjega li minn dak li seta' jara meta invista lill-attur, hu jista' jikkonferma li dan għandu bżonn l-għajnuna għall-ħtiġijiet tiegħu ta' kuljum.

Il-konvenut **Carl Camilleri** xehed bil-proċedura tal-*affidavit*[21], fejn qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed isuq il-vettura tat-tip Fiat Doblo bin-

[21] *A fol.* 261 tal-proċess.

numru ta' reġistrazzjoni JBH 314, li kienet proprjetà tas-soċjetà Flower Sales Limited. Il-konvenut qal li fiż-żmien tal-inċident huwa kien impjegat *part-time* mal-kumpannija Flower Sales Limited. Camilleri kkonferma li l-vettura inkwistjoni ma kinitx l-ewwel darba li nstaqet minnu, u li sa fejn kien jaf hu, il-vettura kienet assigurata kemm f'ismu kif ukoll f'isem l-ex tfajla tiegħu Lisa Scerri, li tiġi bint wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta. Hu qal li dakinhar tal-inċident, hu kien waħdu u kien qiegħed isuq fil-*by-pass* li minn Burmarrad tagħti għal San Pawl il-Baħar. Il-konvenut qal li waqt li kien għaddej innota vettura mal-ġenb tat-triq li ma kienx ċert jekk kinitx wieqfa jew miexja bil-mod, u li dak il-ħin hu kien qiegħed isuq bil-mod minħabba li ma kellu l-ebda għaġġla partikolari jasal fejn kien sejjer. Hu ddeskriva l-mod kif seħħ l-inċident b'dan il-mod:

> "Kont għaddej fuq il-lane ta' ġewwa u bdejt naqbeż il-vettura l-ipparkjata tal-marka BMW u għalhekk ġbidt naqra 'l barra u hekk kif ħriġt ftit 'il barra u ċioè kont kważi kompletament ħriġt fil-karreġġjata ta' barra, ġiet char-a-banc, anzi *bendy bus* minn fuq il-lemin tiegħi u għafsitni – dan ifisser li l-imsemmija char-a-banc kienet qed issuq fuq il-lane ta' barra. Dak il-ħin ma kellix alternattiva għajr illi instintivament dawwart l-i*steering* lura lejn ix-xellug tiegħi u prontament sibt lill-vettura l-ipparkjata miegħi u lqattha.
>
> Ngħid illi, biex inkun preċiż, il-parti ta' quddiem tax-xellug tiegħi laqtet il-parti ta' wara tal-lemin tal-BMW u naf li bl-istess daqqa ġiet imbuttata 'l quddiem, fejn, wara l-akkadut, sirt naf li lqatt żewġt irġiel."

Il-konvenut qal li hu ma nnutax in-numru tal-karozza tal-linja li minħabba fiha kellu jersaq mal-ġenb, u li ftit tal-mumenti wara waslu l-Pulizija u l-ambulanza u ħadu lill-korruti l-Isptar. Ix-xhud qal li hu jista' jikkonferma li l-attur illum la juża bsaten u lanqas krozzi, u li minn dak li jara hu, dan jgħix ħajja normali. Il-konvenut xehed li l-BMW kellha l-fanali miżbugħin suwed, u li din mhux vera li

kellha l-*hazard lights* mixgħulin, anzi li kieku dawn kienu mixgħulin, dawn ma kinux ikunu jidhru.

Xehdet ukoll bil-proċedura tal-*affidavit* **Audrey Sant**[22], li fiż-żmien tal-inċident kienet taħdem bħala kaxxiera mas-soċjetà Flower Sales Limited, li qalet li l-konvenut Carl Camilleri, kien qisu l-*factotum* tal-kumpannija, u kien isuq il-vetturi tal-kumpannija, ikunu liema jkunu. Ix-xhud qalet li d-direttur tal-kumpannija, Joseph Xerri, kien jitlob lill-konvenut jagħmel ħafna qadi bil-vetturi tal-kumpannija, fosthom *deliveries* ta' fjuri lill-klijenti tal-kumpannija, xiri ta' materjal għall-użu tal-kumpannija, u ġieli kien isuq lid-direttur meta dan kien imur biex jagħmel xogħol ta' *landscaping* għall-klijenti tal-kumpannija. Drabi oħra kien isuq lill-*landscape architect* meta dan kien imur jagħmel xogħol fuq barra għall-klijenti tal-kumpannija.

Is-soċjetà konvenuta esebiet l-*affidavit* ta' **Joseph Scerri**[23], direttur tal-istess kumpannija li qal li l-konvenut Carl Camilleri kien joħroġ mat-tifla tiegħu fiż-żmien tal-inċident, u li dak iż-żmien dan kien jaħdem magħhom waqt li kien qiegħed jistudja fl-MCAST. Hu qal li filwaqt li l-konvenut Carl Camilleri kien tajjeb ħafna għal xogħol minuri ta' manutenzjoni, madanakollu hu kien jaf li fil-passat dan kellu numru ta' inċidenti b'vetturi oħra, u għalhekk kien qallu biex ma jużax vetturi tal-kumpannija, u biex jekk xtaq, seta' juża l-vann tiegħu u jitħallas tal-ispejjeż. Hu qal ukoll li l-vann inkwistjoni tal-marka FIAT Doblo bin-numru ta' reġistrazzjoni JBH 314, kien irreġistrat sabiex jinstaq minn persuni li qabżu l-25 sena, kif ukoll minn bintu Lisa Scerri. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed Sqallija, għalkemm kien talab lill-konvenut imur

[22] *A fol.* 266 tal-proċess.
[23] *A fol.* 271 tal-proċess.

jagħmel qadja l-Mellieħa. Hu qal li ma jistax jifhem għaliex minflok mar il-Mellieħa, il-konvenut l-ewwel mar il-*garden centre* u ħa vettura li hu kien jaf li x-xhud ma ridux isuq. Joseph Scerri qal ukoll li kull darba li kellu bżonn joħroġ mal-konvenut fuq xogħol, dejjem kien isuq hu, u li ma jistax jifhem ir-raġuni li għaliha Audrey Sant qalet li dejjem kien isuq Carl Camilleri, minħabba li din xogħolha kien ta' kaxxiera, u minn fejn kienet taħdem ma setgħetx tikkonferma min kien ikun qiegħed isuq il-vetturi. Ix-xhud qal ukoll li ħafna mix-xogħol li kien jagħmel Carl Camilleri ma kienx jinvolvi s-sewqan ta' vettura.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll l-*affidavit* ta' **Lisa Scerri**[24], li qalet li meta seħħ l-inċident hi kellha dsatax-il sena. Dak iż-żmien hi kienet tinnamra mal-konvenut Carl Camilleri, li kien jaħdem fuq bażi *part-time* mal-kumpannija ta' missierha, fejn kien jagħmel ftit minn kollox. Hi qalet li hi kienet l-unika persuna taħt il-25 sena li kienet assigurata biex issuq dak il-vann partikolari, u li meta missierha kien induna li kien hemm drabi fejn Carl Camilleri saq il-vann li kellu l-inċident bih, dan kien 'ċanfru'. Hi qalet ukoll li l-konvenut kien jaf li hu ma kienx inxurjat fuq il-vann inkwistjoni, u li hi biss setgħet issuqu.

Xehdet ukoll bil-mezz tal-*affidavit* **Sarah Scerri**[25], direttriċi tas-soċjetà konvenuta wkoll, li kkonfermat li kienet hi li talbet lis-soċjetà assiguratriċi żżid l-isem ta' Lisa Scerri bħala persuna assigurata fuq il-vann inkwistjoni, u li hi qatt ma ħasset il-ħtieġa li jiżdied ukoll Carl Camilleri bħala persuna assigurata biex isuq il-vann inkwistjoni.

[24] *A fol.* 272 tal-proċess.
[25] *A fol.* 273 tal-proċess.

Il-konvenut esebixxa wkoll l-*affidavit* ta' **Matthew Pisani**[26], li llum jaħdem fin-negozju tal-importazzjoni tal-pjanti, filwaqt li qabel kien impjegat mas-soċjetà konvenuta. Hu qal li s-soċjetà konvenuta għandha diversi vannijiet, u li lil Carl Camilleri kien rah diversi drabi jsuq diversi vannijiet tal-kumpannija. Hu qal li d-direttur tal-kumpannija, Joseph Scerri, ġieli bagħat lill-konvenut jagħmel qadi, jixtri, jagħmel *deliveries*, u dan dejjem bil-vannijiet tal-kumpannija. Lanqas ma kienet l-ewwel darba li Carl Camilleri saq lil ħaddiema oħra tal-kumpannija biex imorru minn post għal ieħor, u partikolarment issemma ċertu Emil li x-xhud qal kien jirrifjuta li jsuq il-vannijiet tal-kumpannija, u għalhekk ħafna drabi kien imur iwasslu Carl Camilleri nnifsu.

Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Sarah Scerri**[27], li kkonfermat li fiż-żmien tal-inċident, materji relatati mal-assigurazzjoni tal-vannijiet tal-kumpannija kienet tieħu ħsiebhom hi. Ix-xhud qalet li l-vannijiet kollha kienu rreġistrati biex jinstaqu minn persuni li qabżu l-25 sena, u li l-vann li bih seħħ l-inċident inkwistjoni, kien assigurat ukoll sabiex jinstaq minn bintha Lisa. Hi qalet li l-konvenut Carl Camilleri kien jaf li l-vann li kellu l-inċident bih (JBH 314) ma setax isuqu u li hi qaltlu diversi drabi biex ma jmissux, iżda dakinhar il-konvenut kien ħa ċ-ċwievet u mar isuq. Ix-xhud qalet li sa dakinhar, Carl Camilleri qatt ma mess il-vann inkwistjoni u li hi qatt m'awtorizzatu jsuq il-vannijiet tas-soċjetà konvenuta. B'riferiment għax-xhieda mogħtija minn ex-impjegati tas-soċjetà konvenuta, li qalu pjuttost l-oppost ta' dak li xehdet hi, ix-xhud qalet li kulħadd jista' jigdeb, u ddeskriviet bħala 'ċuċata' d-dikjarazzjoni li Carl Camilleri kien jagħmel *deliveries* tax-xogħol tal-kumpannija.

[26] *A fol.* 275 tal-proċess.
[27] *A fol.* 277 tal-proċess.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' Lisa Scerri[28], li qalet li l-konvenut Carl Camilleri kien jidħol id-dar tagħhom regolarment fiż-żmien li fih seħħ l-inċident. Ix-xhud qalet li l-konvenut qatt m'għamel xogħol ta' *deliveries* u li l-uniku xogħol li kien jagħmel kien xogħol manwali ta' manutenzjoni. Ix-xhud qalet li ma tiftakarx jekk il-konvenut qattx saq vannijiet oħra tal-kumpannija, apparti dak li kellu l-inċident bih, u qalet li m'għandhiex mod kif tkun taf b'dan. Hi qalet ukoll li meta joħorġu huma qatt ma kellhom bżonn jagħmlu użu mill-vannijiet tal-kumpannija minħabba li t-tnejn li huma kellhom il-karozzi tagħhom.

Fis-17 ta' Jannar, 2018 ukoll sar il-kontroeżami ta' **Joseph Scerri**[29], li qal li Carl Camilleri kien jagħmel xogħol ta' manutenzjoni minuri fl-istabbiliment tas-soċjetà konvenuta ġewwa Burmarrad. Hu qal li meta dan kien jeħtieġlu joħroġ jagħmel xogħol fuq barra, dan dejjem kien imur ma' xi ħadd li kien awtorizzat isuq il-vannijiet. Ix-xhud madanakollu ma eskludiex li l-konvenut Carl Camilleri kien isuq vann tas-soċjetà konvenuta, tant li qal:

> "Fil-bidu meta kien ikun hemm jien preżenti, mhux meta kien hemm il-mara tiegħi għax jien kont insiefer ħafna, beda juża daqsxejn vann minnhom, vann partikolari biex imur jagħmel dan ix-xiri. Fil-bidu li beda jaħdem miegħi però meta sirt naf li qed juża vannijiet tiegħi li mhux inxurjati fuqu għax dak iż-żmien daħlet it-tifla fix-xena u bdiet issuq hi, meta sirt naf li kellu *track record* ta' *total loss* ta' karozzi li kien anke kien qed iħallas lil missieru, jien għidtlu 'issuqx iktar miegħi importanti għalija, nagħtik il-flus għall-petrol jew diesel għall-vann tiegħu, kellu vann transit' u għidtlu 'ssuqx aktar miegħi.'"

Ix-xhud qal li sa fejn jaf hu, il-vetturi li ħabat bihom il-konvenut, kienu vetturi tal-familja tiegħu, u li hu kien avżah bil-fomm biex ma jsuqx vetturi tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm ġranet li fihom Carl Camilleri kien

[28] *A fol.* 283 tal-proċess.
[29] *A fol.* 289 tal-proċess.

jagħmel xogħol ta' *landscaping* ma' impjegati oħra tas-soċjetà konvenuta, għalkemm ix-xogħol ewlieni tiegħu kien xogħol ta' manutenzjoni fil-*garden centre.*

Fl-udjenza tad-19 ta' Frar, 2018 sar il-kontroeżami tal-konvenut **Carl Camilleri**[30], li xehed li hu kien imur fl-istabbiliment tas-soċjetà konvenuta biex jgħin u jagħmel li jkun hemm bżonn. Il-konvenut ikkonferma li hu waqaf jaħdem mas-soċjetà konvenuta meta ma baqax joħroġ mat-tifla tad-direttur tal-istess soċjetà. Hu qal ukoll li f'dak il-perijodu hu kellu żewġ vetturi tiegħu, u li kien hemm drabi meta għax-xogħol li kien jagħmel fil-*garden centre* hu kien juża l-vetturi tiegħu, għalkemm dan ġara biss ftit drabi. Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident, hu kien intalab imur il-Mellieħa jsewwi *puncture* li kellha waħda mill-vetturi tas-soċjetà konvenuta, u li kien intalab jieħu miegħu *jack heavy-duty.* Hu qal li qabel tela' l-Mellieħa hu mar il-*garden centre*, u li għalkemm id-direttur tas-soċjetà konvenuta ma kienx qallu biex jieħu vann tas-soċjetà konvenuta biex imur il-Mellieħa bih, u għamel hekk minħabba li soltu hekk kien jagħmel. "Imma ma kienx hemm għalfejn jikkmandani għax jien kemm-il darba wżajt il-vetturi tal-kumpannija." Ix-xhud qal li Sarah Scerri kienet qaltlu li kienet ser iżżidu bħala persuna assigurata għar-rigward tal-vannijiet tal-kumpannija, iżda hu qatt ma vverifika jekk fil-fatt kienx miżjud bħala *driver* ta' dawn il-vannijiet. Ix-xhud qal ukoll li mhux minnu li kull darba li rikeb miegħu Joseph Scerri, dan kien isuq hu, u li kien hemm diversi drabi fejn hu saq vannijiet li kien ikun riekeb fihom Joseph Scerri.

[30] *A fol.* 302 tal-proċess.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Audrey Sant**[31] li qalet li xogħolha mas-soċjetà konvenuta kien bħala kaxxiera, u li hi qatt ma saqet vannijiet. Hi qalet ukoll li kien hemm drabi fejn kienet tkun tista' tara min kien qiegħed isuq il-vannijiet tal-kumpannija, minħabba li xi drabi l-pjanti kienu jitgħabbew mil-*loading bay* ta' ħdejn il-*cash point*. Hi qalet li parti minn xogħolha kien jinvolvi li ddur mal-pjanti fil-ħanut, u li hi diversi drabi rat lil Carl Camilleri jgħabbi d-*deliveries* jew imur jixtri l-materjal bil-vannijiet tal-kumpannija. Ix-xhud qalet ukoll li hi ma jidhrilhiex li Carl Camilleri kien juża l-vettura personali tiegħu għax-xogħol.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

L-ewwel ħaġa li trid tiġi stabbilita minn din il-Qorti hija jekk il-konvenut Carl Camilleri għandux jinżamm responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u dan wara li ssir evalwazzjoni tal-provi li tressqu mill-partijiet. Il-Qorti semgħet kif l-attur u sieħbu kienu weqfin mal-ġenb tat-triq, li hi triq ewlenija, minħabba ħsara li żviluppatilhom fil-vettura li kienu rekbin fiha, meta fid-daqqa u l-ħin dawn sabu ruħhom f'gandott mal-ġenb tat-triq minħabba li sfaw imtajjra minn vettura. Il-konvenut jgħid li l-inċident seħħ wara li hu ħareġ mill-karreġġjata ta' ġewwa u mar biex jaqla' l-vettura tal-marka BMW li viċin tagħha kien hemm l-attur u sieħbu, u li meta għamel dan sab ma' wiċċu *bendy-bus* li ġiet fuqu mill-karreġġjata ta' barra, bir-riżultat li hu kellu jikser malajr għal fuq il-vettura BMW, u hemmhekk seħħ l-inċident inkwistjoni.

---

[31] *A fol.* 309 tal-proċess.

Il-Qorti evalwat il-provi kollha prodotti, u tqis li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut li hu sab ma' wiċċu *bendy-bus* li sfurzatu jikser malajr fuq ix-xellug tat-triq, ma hi korroborata minn l-ebda prova oħra. L-ebda persuna li kienet għaddejja fit-triq dak il-ħin ma kkorroborat il-verżjoni mogħtija mill-konvenut, u lanqas ir-ritratti esebiti[32] ma jagħtu wisq kredibbilità lil dak li qiegħed jallega l-konvenut. Pjuttost jirriżulta li hekk kif il-konvenut sab karozza wieqfa quddiemu, u lanqas hu ċert jekk din kinitx wieqfa jew miexja bil-mod ħafna, hu ttenta jaqbiżha mingħajr ma ħaseb li jkollu distanza biżżejjed mill-karozza wieqfa biex seta' jagħmel dan mingħajr ma jinvadi l-karreġġjata l-oħra.

Huma diversi l-insenjamenti li permezz tagħhom il-Qrati tagħna ttentaw jagħtu definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligi tas-sewwieqa waqt li jkunu għaddejjin fit-triq. F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Joseph Vella** fl-10 t'Awwissu, 1963, il-Qorti qalet li:

> "Hu dover ta' *driver to see what is in plain view*."

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ġunju, 1961, fl-ismijiet **Pulizija *vs.* J. M. Laferla,** il-Qorti stabbiliet illi:

> "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm *'a proper lookout'*."

Qrati barranin, partikolarment dawk li jimxu fuq il-liġi Brittanika f'materji bħal dawn, spiss jippronunzjaw irwieħhom fuq il-grad ta' diliġenza meħtieġa mis-sewwieqa. Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Rondalia Assurance Corporation of S.A. v Page & Others**, 1975, ġie stabbilit illi:

---
[32] *A fol.* 64 sa 67 tal-proċess.

> *"A proper look-out entails a continuous scanning of the road ahead, from side to side, for obstructions or potential obstructions (sometimes called 'a general look-out')".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Newhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qorti kienet stabbiliet illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area,of the pavements on the side of the road as well."*

F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Mejju, 1960 fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**, il-Qorti sostniet illi:

> "Driver ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians u road-users* oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu."

Il-konvenut Carl Camilleri ċertament li ma jistax jargumenta li hu kellu għarfien sħiħ ta' dak li kien qiegħed jiġri fit-triq minn fejn kien għaddej. Mix-xhieda tiegħu rriżulta li hu la ra l-allegata *bendy-bus* li skont hu ppruvat tissorpassah u kkawżatlu l-ħtieġa li jimmanuvra l-i*steering* tal-vettura f'daqqa, biex b'hekk kien hemm l-impatt mal-vettura li l-attur kien baxxut maġenbha, u lanqas biss induna bil-vettura wieqfa mal-ġenb tat-triq, tant li xehed li hu la jaf kinitx wieqfa, u lanqas jekk kinitx miexja jew miexja bil-mod. Dawn il-konstatazzjonijiet da parti tal-konvenut innifsu, ikomplu jikkonvinċu lill-Qorti, meta tqis id-dinamika ta' kif ġara l-inċident, li dan seħħ unikament minħabba li l-konvenut ma kellux l-għarfien neċessarju ta' dak li kien għaddej fit-triq.

Il-Qorti lanqas mhija konvinta li din kienet l-ewwel darba li l-konvenut saq il-vann inkwistjoni, jew li d-diretturi tas-soċjetà konvenuta ma kinux konxji tal-fatt li dan l-impjegat tagħhom, dak iż-żmien għarus ta' binthom, kien qiegħed isuq vetturi tal-kumpannija b'mod regolari, u dan sabiex jagħmel xogħol meħtieġ minnu. Eks-impjegati tas-soċjetà konvenuta xehdu li l-konvenut Carl Camilleri kien isuq dawn il-vetturi b'mod regolari, filwaqt li Joseph Scerri, Sarah Scerri u Lisa Scerri ma qablux bejniethom fil-verżjoni li taw. Filwaqt li Joseph Scerri kkonferma li hu ġieli ħalla lill-konvenut isuq uħud mill-vetturi tas-soċjetà konvenuta, Sarah Scerri u Lisa Scerri ċaħdu dan. Joseph Scerri xejn ma kien konvinċenti meta allega li kien biss meta sar jaf li l-konvenut kien preċedentement involut f'għadd ta' inċidenti li ma kienx ħallieh isuq aktar vetturi tal-kumpannija. Meta xehed b'dan il-mod, Joseph Scerri kien qiegħed jammetti li hu kien ben konsapevoli mill-fatt li Carl Camilleri kien qiegħed isuq vetturi li lanqas biss kien assigurat fuqhom, u dan bir-riskji kollha li dan seta' iġib miegħu.

L-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi:

> "Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."

Huma dawn l-*istandards* minimi ta' imġiba li l-leġiżlatur impona fuq min irid jeżimi ruħu minn kull forma ta' responsabbilità meta jinqalgħu inċidenti ta' din ix-xorta. Ċertament li wieħed ma jistax jikkunsidra lilu nnifsu ħieles mir-responsabbilità jekk ippermetta żagħżugħ ta' għoxrin sena, impjegat tiegħu, jassumi r-responsabbilità tas-sewqan ta' vann meta dan lanqas biss kien inxurjat fuqu, aktar u aktar jekk kien jaf li dan l-istess sewwieq fil-passat kien

involut f'inċidenti tat-traffiku li wasslu għal *total loss* ta' vetturi. Dan il-grad ta' *colpa* hekk imsejħa *aquiliana,* il-Qrati tagħna ddeskrivewh aħjar f'sentenza mogħtija fl-ismijiet **Dieter Achtelstetter *vs.* MV Gran Michelangelo**[33], fejn intqal is-segwenti:

> "Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi, 'l-kolpa fil-każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett' (**Koll. Vol. XLII. I. 74)**. Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza mal-prevedibilità tal-event dannuż; prevedibilità din li trid tkun ta' probabilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili (ara – **Kollezz. Vol. XLVIII. I. 258)**. Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-**Kollezz. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: *'quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene'.*

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenuti għall-akkadut, jifdal li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-attur. Id-danni materjali sofferti mill-attur jirriżultaw mill-kopji tal-irċevuti ppreżentati minnu, *a fol.* 102 sa *a fol.* 108 tal-proċess, minn fejn jirriżultaw is-segwenti ħlasijiet: €40 Da Vinci Hospital; €45 Da Vinci Hospital; €40 Da Vinci Hospital; €40 Da Vinci Hospital, u €200 ħlas lill-konsulent ortopediku Mr Thomas Azzopardi, li b'kollox iwasslu għal total ta' €365 (tliet mija u ħamsa u sittin Euro).[34]

Jifdal għalhekk li jiġi likwidat il-*lucrum cessans* jew aħjar it-telf ta' qligħ futur kawża ta' dan l-inċident. Mill-provi jirriżulta li l-attur kien impjegat bħala *general hand* ma' dipartiment governattiv, u li fis-sena 2012, is-sena li fiha seħħ

[33] P.A., 17.09.2013.
[34] Sabiex waslet għal din il-komputazzjoni, il-Qorti għamlet riferiment għall-irċevuti prodotti mill-attur, u minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnu, it-talba għal danni materjali hija għal €845, l-ispejjeż ippruvati bl-irċevuti esebiti huma fis-somma ta' €365.

l-inċident mertu tal-kawża, id-dħul annwali nett tiegħu kien ta' €11,929.59. F'dik is-sena wkoll, l-attur kellu l-età ta' sebgħa u ħamsin sena (57), u għaldaqstant il-*multiplier* li ser tadotta din il-Qorti ser ikun dak ta' tmienja (8). Il-Qorti hawnhekk trid tikkjarifika li minkejja li l-*multiplier* mhux marbut mal-età tal-irtirar, fiċ-ċirkostanzi tħoss li għandha tadotta *multiplier* li almenu jkun jekwivali għas-snin li wieħed irid jaħdem sakemm jilħaq l-età tal-pensjoni. L-espert mediku maħtur mill-Qorti stabilixxa li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur huwa ta' 25%, u minkejja li l-espert mediku *ex parte* mqabbad mill-attur irrelata li dan sofra minn debilità permanenti fil-grad ta' 36%, il-Qorti ser tadotta l-grad ta' debilità permanenti stabbilit minn Mr Carmel Sciberras l-espert mediku maħtur minnha, u dan in vista tal-fatt li hi tħossha konvinta minn dak li nkiteb fir-rapport tiegħu li ġie kkonfermat ukoll waqt l-eskussjoni li saret lill-istess espert mediku.

F'każ pjuttost riċenti fl-ismijiet **Joseph Zammit *vs.* Joseph Bonello**[35], il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jiġu likwidati f'ċirkostanzi simili għal ta' din il-kawża:

> "Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija **'Michael Butler vs Peter Christopher Heard'** (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa *multiplier system*, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża **'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**, (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – '**Savona vs Asphar**', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin

[35] P.A., 25.02.16.

> kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (**Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard,** 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (**Francis Sultana vs John Micallef et noe et**', Appell, 20.07.1994)."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Malcolm Cumbo *vs.* Malta Freeport Terminals Ltd**[36], il-Qorti stabbiliet illi:

> "Illi f'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ."

Mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti, jirriżulta li fis-sena tal-inċident l-attur kellu dħul annwali nett ta' €11,929.59, u dan skont ma jirriżulta mid-*data history sheets* esebiti mix-xhud Dennis Buttigieg. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[37], sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €11,929.59 + €12,845.78 / 2 = €12,387.68.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta, wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi

[36] P.A., 30.06.2016.

[37] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ is-sentenza qiegħda tingħata ftit aktar minn tliet snin wara l-preżentata tar-Rikors Maħluf li ta lok għal dawn il-proċeduri, u għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ta' din ix-xorta.

F'sentenza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**, mogħtija nhar il-5 t'Ottubru, 1995, din il-Qorti kif diversament ippreseduta qalet:

> "Fir-rigward tar-riduzzjoni għal *lump sum payment* il-Qorti ... jidhrilha li ... ma għandu jsir ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal *lump sum payment* jekk ma jkunux għaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perijodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data."

Għalhekk is-somma kif likwidata bħala *lucrum cessans* hija: €12,387.68 x 8 *(multiplier)* = €99,101.44 x 25% diżabilità permanenti = €24,775.36 - 20% (ħlas f'darba) = **€19,820.30**. Magħdud dan l-ammont mal-ammont ta' danni materjali sofferti mill-attur, it-total ta' danni likwidati minn din il-Qorti huwa ta' **€20,185.30**.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tilqa' t-talbiet attriċi, u filwaqt li tiddikjara li l-konvenuti għandhom jinżammu responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża,**

**tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' għoxrin elf, mija u ħamsa u tmenin Euro u tletin ċenteżmu (€20,185.30);**

**3. Tordna lill-konvenuti iħallsu solidament bejniethom is-somma hekk likwidata lill-attur.**

**Spejjeż tal-kawża u l-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, a karigu tal-konvenuti.**

Moqrija.